# L-Akwedott

Kitba ta' Joe Brincat



Meta l-Kavallieri kienu qegħdin jibnu il-belt Valletta, kienu ħaffru bosta bjar għall-ħażna tal-ilma ġieri, li kienu jġibu fuq ċattri mill-Marsa, għax l-art kienet nieqsa minn dan ir-riżors naturali, tant importanti. Aktar tard kienet instabet nixxiegħa tal-ilma, iżda wara ftit xhur nixfet għal kollox. Għalhekk il-Granmastru ta' dak iż-żmien Alof de Wignacourt flimkien mal-Kunsill tiegħu iddeċidew li jgiebu l-ilma fil-belt il-ġdida minn xi nixxigħat oħra li kien hemm f'partijiet oħra tal-gżira, biex f'każ ta' assedju, il-belt ikollha ħażna kbira ta' ilma.

Għalhekk il-Granmastru stieden lill-patri Nicola Tomasucci, patri Ġiżwita, biex jiġi Malta u jħejji pjan, biex jaqbdu l-ilma mir-Rabat, fl-inħawi msejħa taċ-Ċjanti, ta' Ħofriet ir-Rizz, ta' Għajn Qajjiet, ta' Biberruwa, ta' Għajn is-Sultan, ta' Wied Liemu, ta' Għajn Klieb, tal-Għariexem, u tal-Buskett u jwassluh il-Belt.

Patri Tomasuċċi aċċetta dan l-invit, u wara li studja il-pjan tal-Granmastru bir-reqqa kollha, fl-1610 beda x-xogħol fuqu, u bdew ipoġġu l-katusi, iżda x'ħin waslu f'Ħ'Attard, iltaqgħu ma' ntopp. F'dawn l-inħawi hemm ftit ta' diżlivell fl-art, u Patri Tomasucci nħolqitlu diffikultà kif kien ser ikompli dan il-proġett. Wara ħafna diskussjonijiet mal-assistenti tiegħu, qata' qalbu, u f'Jannar ta' l-1612 telaq lura lejn Messina.







It-tliet assistenti tiegħu, Giuseppe Palermitano, Andrea Trapani, u Ġanni Attard komplew dan il-proġett. Dawn bnew biċċa struttura li tissejjaħ akkwadott li tkun qisha forma ta' arkati, jew ħnejjiet, u minn fuqhom għaddew il-katusi tal-ilma, biex ikomplu fi triqithom lejn il-belt il-ġdida.

Wara, ġie f'Malta l-inġinier Bontadino de Bontadini minn Bologna biex imexxi ll-kumplament tax-xogħol, għax dan il-proġett kien għad fadallu biċċa xogħol ġmielha.

Minn Ħ'Attard l-Akwedott baqa sejjer lejn Santa Venera, u fejn illum hemm ir-roundabout ta' Fleur de Lys, inbena bieb jew Ark li kien jaqsam it-triq, li minn fuqu kienu jaddu l-katusi tal-ilma. Fuq dan il-bieb jew Ark kien hemm l-arma tal-Granmastru, il-Fleur De Lys, filfatt, dawn l-inħawi baqgħu jissemmew b'dan l-isem. Wara ħafna żmien, fl-1943, dan il-bieb twaqqa mill-Ingliżi biex ikunu jistaw jgħaddu bit-trakkijiet militari tagħhom.

L-Akwedott baqa nieżel sat-turretta f'Santa Venera, biswit Dar l-Iljuni, fejn l-ilma jintefa f'ġibjun, u wara baqa sejjer sa wara l-knisja ta' San Gejtanu, li dak iż-żmien ma kienitx għada teżisti, u nxteħet f'ġibjun ieħor. Min dan il-ġibjun, l-ilma kien jibqa sejjer lejn il-Blata l-Bajda, u wara lejn il-Furjana, u jinxteħet ġo ġibjun ieħor biswit bieb il-belt, fejn illum hemm il-funtana.

Minn bieb il-Belt, l-ilma kien jasal f'għajn oħra li qabel kienet aktar l-isfel milli hi llum; imbagħad l-ilma kien imur fl-għajn li kien hemm fil-Pjazza tal-Palazz u li llum qiegħda fil-Ġnien ta' l-Argotti.

Ix-xogħol kollu tlesta fi żmien erba snin u fil-21 ta' April 1614, dan il-proġett ġie inawgurat fil-preżenza ta' ħafna nies distinti, meta l-ilma wasal fl-għajn ta' biswit il-Palazz tal-Granmastru.

L-ispejjeż għal dan l-Akwedott kienu jlaħħqu l-154,864 skud ta' Malta. 40,000 skud minnhom ittieħdu mill-qligħ tal-qamħ; il-kumplament tas-somma ħariġha l-Granmastru minn butu. F'dan il-proġett kienu ħadmu madwar 600 ħaddiem.